

## Mistoqsija għal tweġiba orali O-000103/2011

### lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Richard Seeber, Libor Rouček, Radvilė Morkūnaitė-Mikulénienė, Leonidas Donskis, Justas Vincas Paleckis, Zigmantas Balčytis, Vytautas Landsbergis, Algirdas Saudargas, Gianni Pittella, Adam Gierek, Louis Grech, Jolanta Emilia Hibner, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Bogusław Sonik, Alejo Vidal-Quadras, Jo Leinen, Proinsias De Rossa, Alexander Mirsky, Kyriakos Mavronikolas, Theodoros Skylakakis, Vilija Blinkevičiūtė, Ivari Padar, Csaba Sándor Tabajdi, Indrek Tarand, Rolandas Pakšas, Juozas Imbrasas, Laima Liucija Andrikienė, Elisabeth Köstinger, Sirpa Pietikäinen, Miroslav Mikolášik, Antonyia Parvanova, Anna Záborská, Bas Eickhout, Oreste Rossi, Kristiina Ojuland, Peter Liese, Satu Hassi, Marisa Matias, Hans-Gert Pöttering, Chris Davies, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Jacek Saryusz-Wolski, Krišjānis Kariņš, Bendt Bendtsen, Alajos Mészáros, Fiona Hall, Tunne Kelam, Inese Vaidere, Marita Ulvskog, Dagmar Roth-Behrendt, Sandra Kalniete, Vittorio Prodi, Anna Rosbach, Andrzej Grzyb, Konrad Szymański, Mario Mauro, Alf Svensson, Valdemar Tomaševski, Viktor Uspaskich

Suġġett: Sikurezza nukleari fil-viċinat tal-UE

It-traġedja nukleari fil-Ġappun ikkawżat tħassib ovvju dwar is-sikurezza tal-pjanijiet nukleari eżistenti u futuri. Il-Kunsill ikkonkluda fil-25 ta' Marzu 2011 li l-UE se tippromwovi wkoll fil-livell internazionali l-ogħla standards għas-sikurezza nukleari u se titlob lill-pajjiżi ġirien biex jagħmlu 'stress tests' dwar impjanti eżistenti u ppjanati. Żewġ impjanti tal-enerġija nukleari (NPPs) bħalissa huma ppjanati fil-proxsimità tal-fruntieri tal-UE. In-nuqqas ta' trasparenza u kooperazzjoni mal-Istati Membri ġa affettwati jqajjem tħassib serju ġa mill-fażi bikrija tal-iżvilupp dwar il-vjolazzjonijiet possibbli tad-dispożizzjonijiet ta' numru ta' konvenzionijiet internazzjonali dwar is-sikurezza nukleari u huwa ta' theddida lill-ambjent marittimu taż-żona tal-Baħar Baltiku. Il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar l-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni futura enfasizza li l-pajjiżi tal-UE jridu jsegwu l-istandardi l-iktar stretti dwar is-sikurezza u l-ambjent, u l-Kummissjoni trid tara u tissorvelja jekk l-istess approċċ u l-konvenzionijiet internazzjonali humiex jiġu segwiti fil-pajjiżi ġirien, speċjalment f'dawk fejn qed jiġu ppjanati li jinbwemp impjanti tal-enerġija nukleari qrib fruntieri esterni tal-UE.

Il-Kummissjoni taqbel li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom responsabbiltà konġunta li jiżguraw u jsaħħu s-sikurezza nukleari fil-faċilitajiet tal-enerġija nukleari eżistenti u futuri, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-pajjiżi terzi fil-viċinanza. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra tinkludi l-kwistjonijiet dwar is-sikurezza nukleari fil-politiki esterni tagħha mal-pajjiżi terzi ġirien? Il-Kummissjoni qed tippjana li tuża kwalunkwe strument ieħor b'kooperazzjoni mal-IAEA u mal-korpi internazzjonali rilevanti l-oħra biex tiffaċilita espansjoni nukleari sikura fil-fruntieri esterni tal-UE? Il-Kummissjoni kif se tiżgura l-monitoraġġ ta' tali NPPs fil-fruntieri esterni tal-UE b'kooperazzjoni mal-IAEA, mal-Espoo u mal-korpi internazzjonali rilevanti l-oħra? Il-Kummissjoni se tfitħex rivalutazzjoni uffiċċiali tal-proġetti, f'każ li ma jilħqu l-istandardi internazzjonali? Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jistgħu r-regoli dwar l-importazzjoni tal-elettriku tal-UE, bħall-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-enerġija nukleari li ma tilħaqx standards rikonoxxuti dwar is-sikurezza (l-hekk imsejħa "dirty power"), isiru qawwa attiva biex tiġi implimentata l-ogħla sikurezza nukleari u standards dwar is-sikurezza fl-NPPs barra l-UE?

Imressqa: 20.4.2011

Mgħoddija: 26.4.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 3.5.2011